MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 943/2008

Etiene u Luciane konjugi Galea
(K.I. 46181M u 412979M)

Vs

Joseph u Charmaine konjugi Gili (K.I. 304572M u 428075M)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Dicembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' Euro2,329 (elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro) rapprezentanti bilanc li fadlilhom ihallsu l-konvenuti fuq xoghol esegwit mill-atturi gewwa z-Zejtun.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ngunti ghas subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 16 ta Frar 2008 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tal-fatt li jallegaw li huma kienu hallsuhom ta’ kollox ghas-saldu u dana skond skrittura ffirmata mill-istess attur Etienne Galea fis-6 ta Mejju 2008 quddiem il-Perit Farrugia, l-istess perit inkarikat mill-atturi u dana kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti partikolarment dak anness mar-risposta markat bhala Dok A.

Ikkunsidra.

Il-konvenut jikkonferma li kien inkarika lill-attur biex jesegwilu xi xogholjiet. Illi meta x-xoghol wasal fl-ewwel sular huwa kien talbu biex johroglu l-kont ghalkemm kien gia hariglu xi pagamenti akkont. L-attur qabbad lill-Perit Carmel Farrugia ghal dan il-ghan liema perit hareg kont tax-xogholijiet li lahqu saru. Peress illi l-konvenut kellu xi riservi dwar il-kont kienu ftiehmu li jiltaqghu mal-perit halli jiddiskutu l-istess. Il-laqgha saret u in segwitu ta’ l-istess il-Perit hareg kont finali rivedut liema kont gie esebit u markat Dok JG1. Il-konvenut esebixxa wkoll Dok JG2 li jindika l-pagamenti akkont li saru u kif ukoll Dok JG3 li jirrifletti il-hlas finali effettwat. Ighid ukoll li wara l-hrug ta’ dan il-kont finali, l-attur ma baqalux jahdimlu aktar fuq il-post. Illi ghalhekk jikkontendi li huwa hallsu ta’ kollox ghas-saldu sakemm hadimlu liema fattur jinsab rifless fil-kont finali Dok JG1 fejn hemm il-firma tal-istess attur. In kontro-ezami il-konvenut jikkonferma li l-original ta’ Dok JG1 huwa dak id-dokument esebit bhala Dok A fir-risposta tieghu. Ighid illi l-ammont indikat fuq il-kont tal-perit kien il-grand total u ghalhekk wara li dan gie ffirmat mill-attur, il-konvenut kiteb il-kliem hdejh u quddiemu “full and final payment” a fol 9 tal-process. Il-konvenut ighid li kemm hu u kif ukoll l-attur kienu qabblu fuq dan il-kont finali tal-perit cioe Dok A Dok JG1. Ighid ukoll li l-ahhar cheque finali mghoddi lill-attur fil-fatt kien issarraf.

Il-Perit Farrugia xehed li huwa kien tqabbad mill-attur biex ikejjel xi xoghol u johrog il-kont relattiv. Huwa kejjel dan ix-xoghol fil-presenza ta’ l-istess attur. In segwitu ftakar li l-konvenut kien ilmenta dwar il-kont tieghu in konnessjoni mal-valur li kien hemm fuq l-iskavar. Illi ghalhekk sar inkontru fl-ufficcju tieghu sabiex jaslu ghal ftehim bonarju liema ftehim fil-fatt sehh u wara sessjoni twila l-kont tieghu gie rivedut u naqas b’ammont sostanzjali. Jikkummenta li ghalkemm l-attur ma deherx kuntent b’dan il-ftehim huwa xorta wahda ddecieda li joghqod ghalih ukoll. Huwa jikkonferma li l-kont rivedut tieghu huwa dak esebit a fol 7 sa 9 tal-process bhala Dok A. Il-Perit jikkonferma li dak in-nhar stess li waslu fi ftehim fl-ufficcju tieghu fuq il-kont rivedut, il-konvenut kien ghadda cheque lill-attur pero ma jiftakarx ta’ kemm kien. It-Tribunal jinnota pero li kemm il-ftehim Dok A u Dok JG1 u kif ukoll ic-cheque Dok JG 3 igibu l-istess data tas-6 ta Mejju 2008. Il-Perit fi kwalunkwe kaz irrisponda fuq domanda tat-Tribunal illi dak il-pagament li sar quddiem kellu jigi meqjus bhala l-ahhar wiehed a bazi tal-kont rivedut tieghu, liema kont rivedut gie addirittura ffirmat miz-zewg partijiet quddiemu. In kontro-ezami jiftakar li huwa hareg original wiehed tal-kont u ghall-ewwel ftakar li l-konvenut Gili kien iffirmah quddiemu pero in segwitu nnota li ma kienx hemm il-firma tal-konvenut Gili fuq il-kont. Jinnota wkoll li l-ammonti miktuba bil-lapes li huma anqas minn dawk mnizzla minnu ma kienux miktuba minnu. Ma jeskludix li seta ta’ kopja tal-kont lil kull parti il-ghaliex hekk jaghmel is-soltu pero mill-memorja ma setax ikun cert. In ri-ezami jispjega li l-kliem grand total ifisser li huwa kien kejjel u hareg il-kont relattiv tax-xoghol kollu li huwa ezamina fuq il-post fil-presenza ta’ l-attur li kien dan ta’ l-ahhar li indikalu x-xoghol esegwit. Mistoqsi mit-Tribunal jikkonferma li l-firma li hemm a fol 9 tal-process kient dik ta’ l-attur.

Illi l-attur ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-verzjoni tieghu huwa naqas li jaghmel dan fis-seduti appositament dedikati ghalih u ghalhekk apparti li t-Tribunal jinsab affaccjat biss bil-provi mressqa mill-konvenut, jinghad li mill-istess provi partikolarment mix-xhieda tal-Perit Farrugia u mid-dokumenti esebiti, isib l-istess ferm kredibbli u verosimili.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut tal-pagament ghas-saldu tal-ammonti talvolta dovuta mill-attur fuq ix-xogholijiet in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a kariku tal-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------